FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' Marzu, 2001**

**Numru**

**Avviz. numru 1057/00JR**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Avon Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Leonardo Bonnici abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Leonardo Bonnici.**

**vs**

**Kenneth Xuereb**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Lulju, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn wiehed u ghoxrin lira Maltija u tmien centezmi (Lm221.08), rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-assigurat tas-socjeta` attrici Leonardo Bonnici, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, in**

**kwantu ghall-ammont ta' wiehed u sebghin lira Maltija u tmien centezmi (Lm71.08), u in kwantu ghall-ammont ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00), li gie mhallas in linea ta' excess mill-istess Leonardo Bonnici, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fl-14 ta' Novembru, 1997, ghall-habta tat-8.30a.m. gewwa Triq Aldo Moro, Marsa, bejn il-vettura proprjeta` ta' l-attur Leonardo Bonnici, bin-numru ta' registrazzjoni LAE-913 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni DAF-167, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra gudizzjarja tad-9 ta' Novembru, 1999, u ta' l-ittra gudizzjarja li intbaghtet kontestwalment ma' l-avviz lis-socjeta` assikuratrici GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation p.l.c., u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra gudizzjarja tad-9 ta' Novembru, 1999 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Francis Paul Ebejer ghas-socjeta` attrici. Ra l-affidavit ta' Anoinette Briffa prezentat mis-socjeta` attrici. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**Illi Antoinette Briffa, bint Leonard Bonnici, fl-14 ta' Novembru, 1997, kienet qed issuq il-vettura LAE-913 fi Triq Aldo Moro, Marsa, sejra fid-direzzjoni tal-Belt, u riedet tmur l-Ufficcju Elettorali tal-Marsa. Hi ghalhekk riedet iddur mar-roundabout li hemm fl-ahhar ta' l-imsemmija Triq. Kienet qed iddur mar-roundabout, fuq in-naha ta' gewwa, tax-xellug. Jirrizulta li l-konvenut bil-vettura DAF-167 hareg minn fejn hemm "give way sign" u baqa' diehel fiha, kif jirrizulat mill-isketch Dok.A. Jirrizulta li l-konvenut baqa' diehel b'certa qawwa fil-genb ta' wara tal-lemin tal-vettura misjuqa minn Briffa. Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-konvenut ma zammx "a proper look-out" u hu hiereg mill-"give way sign" u kien unikament jahti ghall-kollizzjoni li grat.**

**Id-danni li sofra l-attur huma dawk indikati fis-survey Dok.A u B, u Dok.D sa Dok.G. Dawna b'kolox igibu l-ammont ta' mitejn u tmien liri Maltin u tmien centezmi (Lm208.08) oltre spejjez tas-survey li b'kollox igibu l-ammont mitlub ta' mitejn wiehed u ghoxrin lira Maltija u tmien centezmi (Lm221.08).**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited is-somma ta' wiehed u sebghin lira Maltija u tmien centezmi (Lm71.08), u lill-attur Leonardo Bonnici l-ammont ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00), lkoll bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Lulju, 2000, sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra gudizzjarja tad-9 ta' Novembru, 1999, u ta' l-ittra gudizzjarja li intbaghtet kontestwalment ma' l-avviz lis-socjeta` assikuratrici GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation p.l.c., ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**